Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 743/2014

**Joseph Feilazoo (Pass. Nru A3586884) (appellat)**

**vs**

**Direttur tal-Habs (appellant) u Ministru ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali**

20 ta' Ottubru 2017.

Rat **l-Avviz tat-Talba ta' Joseph Feilazoo tal-10 ta' Novembru 2014** quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar permezz ta' liema premetta illi: (i) huwa ddahhal il-habs l-ewwel darba taht arrest fejn gew ikkonfiskati l-oggetti kollha fil-pussess tieghu inkluz gojjellerija; (ii) il-valur ta' dawn l-oggetti huma ta' madwar € 850 u CHF 2,700 li jigu ekwivalenti ghal madwar € 2,221.72[1]; u (iii) ftit anqas minn sentejn ilu, huwa sar jaf li dawn l-oggetti sfaw nieqsa jew misruqa. Ghaldaqstant huwa talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimati jhallsu l-ammont ta' € 3071.72.

Rat **ir-Risposta tad-Direttur tal-Habs u tal-Ministru ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali tal-25 ta' Novembru 2014[2]** li permezz taghha ressqu dawn l-eccezzjonijiet: (i) l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) in linea preliminari il-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali mhuwiex il-leġittimu kontradittur fil-proceduri odjerni u dan ai termini ta' l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u għalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (iii) il-pretensjonijiet tar-rikorrent jammontaw biss għall-akkuzi fiergha u malafamanti fil-konfront taghhom; (iv) kif anke gie indikat fl-ittra ufficjali responsiva taghhom tat-2 ta' Settembru 2014, kull oggett li kellu r-rikorrent fil-pussess tieghu fil-mument li ddahhal fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, gie elenkat f'lista fil-prezenza tieghu, liema lista giet anke maqbula u ffirmata minnu u rregistrata fir-*records* tal-istess Facilita'; (v) l-oggetti li kellu fil-pussess tieghu r-rikorrent fil-mument li ddahhal fil-Facilita'

[1] 1CHF = €0.822.

[2] Fol 7 et seq.

ghadhom qeghdin jinzammu mill-awtoritajiet tal-istess Facilita' skont kif titlob il-ligi; (vi) fi kwalunkwe kaz u bla preġudizzju, ir-rikorrent jehtieg li jgib prova ta' x'kienu l-oggetti li qed jallega li sab neqsin u prova ta' kemm kien il-valur ta' kull oggett li allegatament sab nieqes; u (vii) dak li qed jallega r-rikorrent hija akkuza ta' malafama kontra ufficjali pubblici u ghalhekk l-esponenti jesigu li din jew tigi rtirata jew pruvata, altrimenti jirrizervaw id-dritt li jiehdu dawk il-passi kollha permessi mill-ligi sabiex jipprotegu r-reputazzjoni professjonali ta' l-istess ufficjali pubblici. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-**verbal tas-seduta tal-4 ta' Dicembru 2014** quddiem it-Tribunal[3] permezz ta' liema r-rikorrent qabel li l-proceduri jinstemghu bil-Malti u fejn huwa ceda l-kawza fil-konfront tal-Ministru ntimat.

Rat **is-sentenza tat-Tribunal tad-29 ta' Frar 2016** li ddecidiet hekk -

> *"Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi, in vista tal-fatt li l-Attur irtira l-kawza fil-konfront tal-Konvenut Ministru ghall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju u konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni u cjoe' dik li l-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali mhuwiex il-leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni, fil-waqt li jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati, u jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elf u hames mitt euro (€1,500).*
>
> *Spejjez ta' din il-procedura jkunu a karigu tal-Konvenut Direttur tal-Habs."*

Id-Direttur intimat appella u talab ir-riforma tas-sentenza in kwantu ghandu jkun hemm il-konferma tal-parti li ordnat il-liberatorja tal-Ministru ntimat u r-revoka tal-bqija. Ir-rikorrent appellat wiegeb[4]. Waqt is-seduta tas-16 ta' Gunju 2017 dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom u saret trattazzjoni.

Il-Qorti qrat l-atti.

**PRELIMINARI.**

Fir-risposta tal-appell, l-appellat jissolleva zewg pregudizzjali:

i. L-appell huwa monk stante li l-procedura kontemplata fl-artikolu 9(2) (a) tal-Kap 380 tal-Ligiijiet ta' Malta ma gietx segwita peress li ma nghata ebda avviz mill-appellant dwar l-intenzjoni tieghu li jappella; u
ii. Is-sentenza tat-Tribunal hija inappellabli peress li l-ammont akkordat ma jaqbizx l-

[3] Fol 13.

[4] Fol 13 et seq.

€1,500 u ghalhekk l-appell ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-artikolu 8 (3) tal-Kap 380.

**Konsiderazzjoni.**

1.**L-artikolu 9 (2) (a) tal-Kap 380** jghid li, gudikatur –

> *"(a) għandu jizgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda:*
>
> *Izda jekk parti tixtieq tappella mid-decizjoni, ghandu jinghata avviz dwar dan lill-gudikatur meta tingħata d-decizjoni:*
>
> *Izda wkoll il-gudikatur ghandu l-istess jum meta tinghata d-decizjoni jibghat lir-Registratur kopja bil-miktub ta' dik id-decizjoni li tkun inghatat fl-istess jum u li jkun fiha r-ragunijiet ghad-decizjoni;"*

Din il-Qorti diga' esprimiet ruhha dwar dan l-artikolu[5] u ma tara ebda gustifikazzjoni ghall-argument tal-appellat. Fil-fehma taghha:

i.Id-dicitura u s-sustanza stess ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi timplika l-applikabilita' tas-sub-artikolu msemmi ghal dawk il-kazijiet fejn il-vertenza tkun giet deciza fl-istess jum li fih jinstema' l-kaz. Infatti, dan is-subartikolu jistipula zewg rekwiziti: wiehed li jobbliga lill-parti li tixtieq tappella li tavza b'dan lill-gudikatur appena tinghata d-decizjoni u l-iehor li jobbliga lill-gudikatur stess sabiex fl-istess jum tas-sentenza jghaddi kopja taghha bil-miktub u bir-ragunijiet ghad-decizjoni lir-Registratur. Dan sabiex ma jinholoq ebda pregudizzju ghat-terminu tal-appell ghal dik il-parti li trid tappella.

Fil-kaz tal-lum il-kaz quddiem it-Tribunal dam ghaddej aktar minn sena u fih saru diversi seduti li fihom tressqu numru ta' provi. U dakinhar li nghatat is-sentenza fid-29 ta' Frar 2016 din kienet diga' miktuba.

ii. Fi kwalunkwe kaz, ma hemm ebda provvediment li jippenalizza lil xi parti bin-nullita' tal-appell fin-nuqqas ta' tali avviz. Anzi la l-Kap 380 stess jipprefiggi terminu ta' 20 jum ghall-appell mis-sentenza il-Qorti hija perplessa dwar l-iskop preciz ta' a nil-provvediment.

Tichad l-eccezzjoni.

2. **L-artikolu 8 (3) tal-Kap 380** jipprovdi hekk –

---

[5] Ara l-kaz **London Services Ltd vs Mario Loporto** u l-kaz **Chris Tonna vs James Borg et**, it-tnejn decizi fit-22 ta' Settembru 2017.

*"Ikun hemm ukoll dritt ta' appell fil-każijiet kollha* ***fejn l-ammont in kwistjoni****, kalkolat skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3(2),* ***jaqbeż elf u ħames mitt euro (€1,500).****"*

Ghal kull buon fini l-Qorti tibda billi tirrimarka li kien bl-Att IV tal-2016 (li dahal fis-sehh fid-19 ta' Jannar 2016 u cioe' circa xahar qabel is-sentenza appellata), li s-somma ta' €1,500 issostitwiet dik ta' qabilha (€1164.69) f'dan is-subartikolu.

Fis-sentenza **Andrew Spiteri vs Anthony Camilleri deciz fil-5 t'April 2006**[6], din il-qorti qalet **–**

*Jidher minn ezami ta' l-Artikolu 8 ta' l-Att V ta' l-1995 illi l-appellabilita` mis-sentenzi tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar jiddependi ghal certu vers mill-kriterju objettiv tal-valur tal-kawza. Dan fis-sens illi l-individwazzjoni tal-mezz ta' appellabilita` esperibbli kontra s-sentenza tat-Tribunal issir in funzjoni tal-valur tad-domanda, avut rigward tan-normi tal-ligi specjali (Kapitolu 380) li jiddixxiplinaw id-dritt ta' l-appell."*

Infatti d-dritt tal-appell indikat fis-subartikolu 2 tal-artikolu 8 tal-Att huwa koncess f'diversi kazijiet irrispettivament *"mill-ammont tat-talba"* filwaqt li l-ammont ta' €1,500 mertu tal-kaz indikat fis-subartikolu 3 huwa kalkolat a bazi tal-artikolu 3(2) tal-istess Att li wkoll jirreferi ghall-ammont tat-talba originali.

Fil-kaz odjern, huwa minnu li t-Tribunal laqa' t-talba tal-appellat limitatament ghas-somma ta' €1,500, izda l-valur tal-kawza huwa dak originarjament mitlub fl-Avviz tat-Talba li jammonta ghal €3,071.72. Tali somma teccedi l-ammont indikat fl-artikolu 8 (3) tal-Att u inoltre l-appell jikkoncerna wkoll is-sejbien ta' responsabbilta' tal-konvenut. L-ebda parti mis-sentenza tat-Tribunal mhix gudikat.

Tichad l-eccezzjoni.

**MERTU .**

L-aggravji tad-Direttur appellant huma tlieta:

i. Apprezzament zbaljat tal-provi mit-Tribunal;
ii. It-Tribunal aghzel li jibbaza d-decizjoni fuq prezunzjonijiet infondati minflok fuq fatti li jirrizultaw mill-atti;
iii. Fi kwalunkwe kaz, l-ammont ta' €1,500 huwa arbitrarju u eccessiv;

**L-ewwel u t-tieni aggravju**

Dawn iz-zewg aggravji ser jigu trattati flimkien.

[6] App Nru 42/05.

Fil-fehma tal-appellant:

i.Nonostante li l-provi li ressaq l-appellat kienu skarsi t-Tribunal xorta strah fuqhom;
ii. Originarjament fil-kors tal-provi l-appellat iddikjara li lanqas biss kien jaf x'kienu dawn l-oggetti neqsin u dan meta fl-Avviz promotur huwa kien iddikjara l-allegat valur taghhom;
iii. L-appellat ma kienx konsistenti fix-xhieda u l-azzjoni tieghu kienet biss *fishing expedition;*
iv. Il-verzjoni tal-appellat dwar kif saru l-affarijiet ma tirriflettix il-procedura adoperata mill-habs partikolarment fejn jidhol *strip search;*
v. Ghalkemm huwa minnu li mill-bagalja naqsu tlett oggetti li ma nghatatx spjegazzjoni ghalihom mill-appellant, b'daqshekk ma jfissirx li s-sistema tal-habs fit-thaddim tar-regolamenti relattivi hija falluta;
vi. Ghal dawk li huma oggetti ta' valur, dawn kollha gew elenkati fir-registru tal-habs u l-appellat iffirma ghalihom – fatt li gie njorat mit-Tribunal. Dawn l-oggetti ghadhom fil-pussess tal-awtoritajiet tal-habs;
vii. Ghalkemm il-kazijiet quddiem it-Tribunal jigu decizi fuq bazi ta' ekwita' ma jfissirx li d-decizjoni ma kellhiex tkun bazata fuq il-provi;
viii. L-appellat ma ppruvax il-kaz tieghu mentri l-appellant ressaq provi li juru li ebda gojjellerija oltre dik registrata ma ddahlet il-habs;
ix. It-Tribunal ma bbazax il-konkluzjonijiet tieghu fuq dak li rrizulta mill-provi izda fuq suppozizzjonijiet.

In kwantu dan l-aggravju huwa marbut ma' kritika tal-apprezzament tal-provi, l-Qorti tibda billi tosserva li skont il-gurisprudenza bhala regola qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax facilment decizjoni dwar l-apprezzament tal-fatti, sakemm ma jirrizultax xi zball manifest, jew jekk it-Tribunal f'dan il-kaz ikun wasal ghal konkluzjoni li ma kellux jasal ghaliha bir-rizultat li xi parti tkun ser issofri ingustizzja jekk is-sentenza tibqa' fis-sehh. Din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun sar mit-Tribunal, jekk tara li dan seta' legalment u ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha. Izda, din il-Qorti, xorta ghandha tezamina l-provi kollha akkwiziti, sabiex tistabbilixxi jekk il-konkluzjoni raggjunta mit-Tribunal kenitx wahda li seta' ragjonevolment jasal ghaliha mill-provi.

**Fatti.**

(i) Fid-29 t'Awissu 2008 l-appellat iddahhal il-habs taht arrest in konnessjoni ma' akkuzi relatati ma' pussess u traffikar tad-droga. Huwa kien gie arrestat malli wasal Malta u wara li gie nterrogat u tressaq il-Qorti ittiehed il-habs skortat mill-pulizija;

(ii) Mix-xhieda moghtija mill-ufficjali tal-habs, il-procedura taghhom tirrikjedi li:

(a) malli prigunier jiddahhal fil-Facilita' huwa jigi registrat u ssirlu tfittxija, inkluz fuqu

personali u fil-hwejjeg. Jekk ikollu xi flus, gojjellerija jew oggetti ohra ta' valur dawn jitpoggew go envelope li jinghata lill-iskorta tal-pulizija li jkun hemm mal-prigunier. Dan isir fil-prezenza tal-istess prigunier. Imbaghad l-iskorta tal-pulizija bl-*envelope* stess jakkumpanja lill-prigunier lejn ir-*records office* tal-habs.

(b) Fir-*records office* jinzamm registru b'pagna ghal kull prigunier u fih jigu elenkati l-oggetti ta' valur li prigunier ma jistax izomm fuqu. Ikun hemm ufficjal tal-habs u meta l-prigunier imur quddiemu, kemm l-ufficjal kif ukoll il-prigunier jiffirmaw ghall-affarijiet ta' valur li jkun dahhal. Dawn l-oggetti jigu ritornati lill-prigunier meta jkun ser johrog mill-habs jew meta l-prigunier stess jawtorizza persuna li tohroghom mill-habs ghan-nom tieghu.

(c) Ghar-rigward ta' oggetti kbar bhal bagali ta' persuni barranin, dawn jittiehdu u jigu ssigillati f'kamra ohra. Is-sigill ikollu numru u jekk dan is-sigill ghal xi raguni jinfetah, jigi rimpjazzat b'sigill iehor li normalment jinghata numru differenti. Fil-bagalja ma jistghux jithallew oggetti ta' valur, pero' xorta ssir lista tal-kontenut taghha ghalkemm ma tkunx dettaljata daqs dik tar-*records office* appuntu peress li l-oggetti nvoluti ma jkunux daqstant ta' valur.

(d) Fil-kaz ta' oggetti ta' valur li jkollha persuna meta din titressaq il-Qorti, specjalment jekk il-Pulizija jkunu tal-fehma li dawn jistghu ikunu frott tar-reat li bih ikun akkuzat, dawk l-oggetti jigu esibiti fil-Qorti. Jekk katina lewn id-deheb tkun bla timbru, allura l-pulizija ma jqisuhiex tad-deheb.

iii. Il-lista ta' affarijiet li kienu fil-bagalja tal-appellat kif redatta mill-awtoritajiet tal-habs meta dahal il-habs issemmi[7]:

(a) basket ahmar
(b) cinturin
(c) nuccali tax-xemx
(d) shaver
(e) 1 fwieha

Kemm rapprezantant tad-Direttur appellant kif ukoll l-appellat iffirmaw dan id-dokument.

iv. Skont ir-registru tal-habs, nhar id-29 t'Awissu 2008 l-appellat dahhal mieghu dawn l-oggetti, li tqiesu bhala ta' valur mill-awtoritajiet tal-habs[8]:

(a) Flus kontanti li jammontaw ghal €72.69;

---

[7] Fol 32.

[8] Fol 21.

(b) wallet iswed b'karti personali;
(c) card tal-VISA;
(d) curkett tal-metall isfar;
(e) curkett tal-metall abjad;
(f) gizirana tal-metall isfar;
(g) brazzuletta tal-metall abjad;
(h) 7 cwievet; u
(i) zewg imsielet tal-metall isfar

Dan id-dokument gie wkoll iffirmat minn ufficjal tal-habs kif ukoll mill-appellat[9].

v. L-appellat elenka s-segwenti oggetti li qal li kienu fil-pussess tieghu meta dahal il-habs u li jsostni li ma huma neqsin[10]:

(a) cintorin;
(b) nuccali tax-xemx;
(c) bott fwieha;
(d) choker tad-deheb;
(e) 3 imsielet fake;
(f) Katina b'pendent maghha;
(g) curkett tal-fidda;

vi. Imbaghad fl-affidavit tieghu l-appellat jghid[11] li meta wasal l-ewwel darba l-habs dakinhar tat-29 t'Awissu 2008, waqt it-tfittxija fl-ufficcju tal-S.R.T nehhewlu xi gojjellerija mill-bagalja u qalulu li dawn kienu se jzommuhom separatament. Jiddeskrivi dawn l-oggetti bhala konsistenti f'gizirana hoxna tad-deheb, curkett tal-fidda, zewg pendenti tal-fidda bil-lazz iswed, u tliet imsielet bid-djamant (fake). Wara huwa ttiehed quddiem Maggur tal-Habs imma l-basket ma dahhluhx. Dan il-Maggur staqsieh biex inehhi l-gojellerija li kellu fuqu li kienet gizirana zghira tad-deheb bis-salib, zewg imsielet tad-deheb, curkett tad-deheb, curkett tal-fidda u cappetta tal-fidda. Ittiehed record ta' dawn l-oggetti u kemm hu kif ukoll il-Maggur iffirmaw il-karta. Waqt li kien fl-ufficcju tal-S.R.T gie ufficjal iehor li ha l-bagalja tieghu u tah ircevuta tal-kontenut taghha (eskluz il-gojjellerija ghax din kienet diga' ttiehdet). Jghid li dan kien l-uniku dokument li nghata dak in-nhar u ma kinitx tinkludi l-oggetti kollha li kien hemm fil-bagalja.

F'April tal-2012 l-appellat mar ma' wiehed mill-Magguri tal-habs fil-lok fejn jinzammu l-bagalji biex jiehu *charger* tal-*walkman* u induna li l-bagalja kienet infethet u sab nuccali tax-xemx, cinturin u flixkun fwieha nieqsin. Dwar dan ghamel rapport lis-Suprintendent

[9] Fol 33a.

[10] Fol 25.

[11] Fol 35.

tal-Habs. F'dan l-istadju ried jaccerta ruhu li l-gojjellerija li kellu kienet ghadha hemm peress li ma kinitx inghatatlu ricevuta taghhom. Madankollu meta ttiehed fl-ufficcju tal-Maggur inkarigat induna li l-gojjellerija li kienet ittehditlu waqt li kien fl-ufficcju tal-S.R.T dakinhar li dahal il-habs, kienet nieqsa. Huwa rega' rraporta dan sahansitra lid-Direttur tal-habs u eventwalment sar anke rapport mal-Pulizija izda minkejja l-weghda li l-kaz kien ser jigi nvestigat huwa qatt ma nghata sodisfazzjon adegwat minghand l-awtoritajiet.

vii. Skont l-appellat, il-valur totali tal-oggetti nieqsa huwa ta' €3,071.72 in kwantu ghal katina tad-deheb: CHF1,800; Curkett tad-deheb: CHF700; Gizirana: CHF200; imsielet:€250; Cinturin tad-ditta Gucci: €300 u fwieha: €50. Jghid li mghandux ricevuti ta' dawn l-oggetti peress li hu akkwista dawn l-oggetti minn barra minn Malta.

viii. Min-naha taghhom l-awtoritajiet tal-habs insistew li huma qaghdu mal-proceduri applikabbli meta l-appellat kien iddahhal il-habs u li mhuwhiex minnu li naqsu/ntilfu xi oggetti ta' valur li huwa kellu mieghu.

ix. Xehed ukoll l-ispettur Victor Aquilina[12] li ghalkemm ma ftakarx id-dettalji partikolari tal-kaz, qal li minhabba l-fatt li l-appellat kien tressaq il-Qorti qabel ma ttiehed il-habs, li kieku kellu fuqu affarijiet ta' valur dawn kienu jigu prezentati fl-atti processwali tal-Qorti. Ta' dawn l-affarijiet kieku saret ricevuta li kopja taghha tkun inghatat lill-appellat u kopja ohra tigi esibita in atti. Huwa nsista illi li kieku huwa kellu xi dubju li xi haga li kienet fil-pussess tal-appellat kienet ta' valur, hu kien jesibiha l-Qorti.

**Konsiderazzjoni.**

L-ilment tal-appellat jirrigwarda telf/serq ta' oggetti personali mill-habs wara li fl-2008 dahal il-habs. L-oggetti allegatament nieqsa jikkonsistu kemm f'gojjellerija li skont l-appellat ittiehdet mill-ufficjali tal-habs mill-bagalja tieghu dakinhar stess li dahal il-habs minghajr qatt ma nghata ricevuta taghha, kif ukoll oggetti ohra li naqsu mill-bagalja tieghu matul il-perjodu tal-inkarcerazzjoni tieghu.

Id-direttur appellant jirrespingi dawn il-pretensjonijiet bhala nfondati.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti dwar il-mertu tal-kaz, partikolarment fir-rigward tal-gojjellerija. Issir referenza ghall-principji gurisprudenzjali applikabbli f'tali cirkustanzi fosthom il-kaz **Raymond Cauchi vs Michael Angelo Fenech deciz fil-15 ta' Dicembru 2015**[13] -

[12] Fol 77 et seq.

[13] Rik Gur 1170/86.

*"Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**Xuereb et vs Gauci et**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –*

*"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista`tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma",** Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

*(ara wkoll: "**Bugeja vs Meilak**" – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966).*

*Fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/PS) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" kien precizat hekk –*

*"Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak listat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)".*

*(ara wkoll: "**Camilleri vs Borg**" – Appell Civili – 17 ta` Marzu 2003 ; "**Zammit vs Petrococchino**" – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo vs Pace**" – Appell Civili – 5 ta` Marzu 1986)".*

Mis-seba' oggetti li l-appellat jelenka bhala neqsin irrizulta bhala fatt li fir-rigward ta' tlieta minnhom id-Direttur appellant ammetta kemm fis-sottomissjonijiet tieghu quddiem it-Tribunal[14] kif ukoll fir-rikors tal-appell[15] li ghalkemm mhux qed jikkontesta li dawn iddahhlu fil-habs mill-appellat ghax huma elenkati fir-records tal-habs, huwa m'ghandu *"l-ebda spegazzjoni ta' kif dawn l-oggetti m'ghadhomx"* fil-bagalja tal-appellat. L-oggetti huma c-cintorin, in-nuccali tax-xemx u tal-bott fwieha li jappartjenu lill-istess appellat. X'seta' gara lil dawn l-oggetti hu mmaterjali. Kif tajjeb ikkonstata t-Tribunal, la d-Direttur appellant kellu fil-kustodja tieghu dawn l-oggetti, huwa kien obbligat li jiehu hsiebhom daqs li kieku kienu teghu u dan *ai termini* tal-art.1899 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

M'hemmx dubju ghalhekk li d-Direttur ghandu jikkumpensa lill-appellat ghal dawn it-tlett oggetti, kumpens li sejjer ligi likwidat aktar 'il quddiem.

Jifdal ghalhekk l-evalwazzjoni tal-Qorti fir-rigward tal-erba' oggetti l-ohra li l-appellat jallega li naqsu jew insterqu u cioe' bicciet tal-gojjellerija konsistenti f'*choke*r tad-deheb, tlett imsielet, katina b'pendent maghha u curkett tal-fidda. Skont l-appellat dawn qatt ma ttellghu ghand il-Maggur tal-habs li huwa nkarigat li jzomm il-gojjelli u oggetti ta' valur fir-*records office* ghax kienu ttehdulu mill-bidunett waqt li kien ghaddej is-*search* fuq persuntu malli dahal il-habs.

Il-Qorti tqis li fl-ewwel lok ghandha ssir distinzjoni bejn il-procedura wzata ghall-oggetti meqjusa ta' valur u dawk li mhumiex. Jirrizulta li fir-rigward ta' bagalji u oggetti ta go fihom (li jkunu mizmuma f'lok ghalihom) il-procedura addottata mill-awtoritajiet tal-habs hija kemmxejn laxka, tant li l-ufficjali ma kinux jimmarkaw kull oggett li jkun hemm fihom u dan ghad-detriment tal-prigunier. Madankollu, fil-fehma tal-Qorti l-fatt li fil-kors ta' erba snin li kien ilu l-habs l-appellat, tlett oggetti mill-bagalja tieghu gew meqjusa *unaccounted for* m'ghandux iwassal ghal xi presunzjoni li s-sistema kollha adoperata fil-habs "falliet", kif qal it-Tribunal. Il-Qorti lanqas ma taqbel mat-Tribunal meta jkompli jikkritika dak li jsejjah nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tal-habs minhabba li ma nghatatx xhieda dwar diversi aspetti ohra mehtiega skont dawn l-istess regolamenti. Il-fatt li r-rapprezentanti tal-habs ma xehedux dwar kull aspett tal-procedura ma jfissirx li din ma gietx segwita, ghaliex hu car li d-deposizzjoni tal-ufficjali tal-habs kienet titratta biss fuq dak li kien rilevanti ghall-kawza, cjoe' s-*searches* fuq id-detenut hekk kif jidhol fil-habs u x'jigri mill-oggetti personali tal-prigunier.

Mill-provi l-Qorti ssibha difficli taghti kredibilita' lill-verzjoni tal-appellat dwar l-erbgha oggetti allegatament ta' certu valur u li kienu ntilfu/insterqu. Jigi osservat li:

i. Qabel ma l-appellat iddahhal il-habs huwa kien diga' ghadda mill-gharbiel tal-Pulizija li

[14] Fol 91.

[15] Fol 4.

nterrogawh u eventwlament ressquh il-Qorti. Kif xehed l-ispettur Victor Aquilina[16] -

> *"….li jkun gara hu li jien kwalsiasi haga li jkollu ta' valur inkun ghamilt ricevuta ta' dawn l-affarijiet, tajt kopja taghha lilu u l-istess ricebuta u affarijiet ta' valur inkun prezentajthom fl-atti processwali fuq il-kaz fl-istess Qorti jigifieri meta jkun telaq minn quddiemi ma jkollux affarijiet ta' valur fuqu hlief coins u xi affarijiet zghar li jiena nkun konvint li m'ghandhomx x'jaqsmu mat-traffikar tad-droga u affariijeit ta' valur baxx."*[17]

Allura jekk imqar wiehed jiehu c-choker tad-deheb li l-appellat jghid li ma nstabitx, u li mit-tpingija maghmula minnu[18] tidher li mhijiex zghira fid-daqs u ta' valur sinifikanti (skont l-appellat 1,800 Frank Svizzeru), li kieku din kienet tezisti possibbli li lanqas il-pulizija ma ndunaw biha u ma pprezentawhiex il-Qorti qabel l-appellat iddahhal il-habs?

ii. L-istrip search li sar fuq l-appellat malli dahal il-habs sehh fil-prezenza ta' aktar minn ufficjal wiehed tal-habs u anke fil-prezenza tal-ufficjali tal-Pulizija. Allura jekk verament l-affarijiet sehhew kif qed jghid l-appellat u cioe', li xi hadd mill-ufficjali arbitrarjament qabad u ha x'imkien dawn il-gojjelli bi ksur lampanti tar-regolamenti tal-habs, hadd mill-ufficjali l-ohra prezenti ma tkellem jew ha azzjoni?

iii. Nhar id-29 t'Awissu 2008 stess l-appellat volontarjament iffirma d-dokument a fol 21 li jelenka l-gojjelli li kellu fil-pussess tieghu. Ma hemm ebda referenza ghal gojjelli l-ohra li issa jsemmi l-appellat u ma jirrizultax li huwa qatt qajjem il-punt dwar gojjelli ohra mhux dikjarati hlief erba' snin wara fl-2012. Il-probabbilta hi li kif fir-registru tnizzlu oggetti ta' valur li kellu l-attur, hekk ukoll kienu jissemmew l-oggetti li l-attur qieghed isostni li huma neqsin.

Il-qorti zzid li:

i. Filwaqt li l-appellat qed jinsisti li l-oggetti mertu ta' dawn il-proceduri kienu ta' certu valur, huwa stqarr mal-Pulizija fl-interrogazzjoni li r-raguni ghall-involviment tieghu fic-cirku tat-traffikar tad-droga kien proprju minhabba li kellu problemi finanzjarji u kien qed ifittex li jaqla circa €2,000 talli jitraffika d-droga. Difficilment jitwemmen ghalhekk l-appellat li bil-problemi finanzjarji li kellu huwa jkun fil-pussess ta' dawn l-oggetti ta' tant valur;

ii. Filwaqt li fl-Avviz tat-Talba l-appellat talab is-somma ta' €3071.72 li fil-lista ta' oggetti

---

[16] Fol 77.

[17] Ara wkoll verzjoni tal-Ispettur fir-rapport tal-Pulizija a fol 52.

[18] Fol 38.

allegatament mitlufa/misruqa prezentata mid-difensur tieghu[19] kienet suppost tkopri 7 oggetti, fl-affidavit qasam din ic-cifra f'valuri separati ghal kull oggett, izda l-ammonti gew imqassma biss fuq 6 u mhux 7 oggetti. Ghalhekk hu nverosimili l-valur moghti lil kull wiehed minn dawn is-sitt oggetti jekk hemm is-seba' wiehed (nuccali tax-xemx) li ma nghatax valur anzi lanqas biss issemma. Ukoll, dak li l-appellat originarjament indika bhala "curkett tal-fidda" fl-istess lista ta' oggetti allegatament mitlufa/misruqa prezentata mid-difensur tieghu[20] sar curkett "tad-deheb" b'valur mhux zghir ta' 700 frank svizzeru. Diskrepanzi li jkomplu jnisslu d-dubju dwar kemm hemm verita' f'dak li rrakkonta l-attur;

iii. Meta ntavola l-kawza l-appellat kien pjuttost preciz fil-valur tal-ammonti li kien qed jitlob ghall-oggetti in kwistjoni. Stranament pero' meta gie mitlub biex jaghmel lista quddiem it-Tribunal ta' liema kienu dawn l-oggetti huwa ddikjara *"li ma jafx x'hemm ezattament nieqes[21]".* Jekk l-appellat kien cert minn dak li kien qed jghid tant li fetah kawza quddiem it-Tribunal u talab ammont specifiku suppost ma kellux isib diffikulta' li jkun jaf x'inhuma l-oggetti li suppost huma nieqsa avolja kien ghadu nkarcerat. Jew jaf jew ma jafx.

Ferm il-premess il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjonijiet tat-Tribunal. Kif previst fl-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."* Ghal kull buon fini jigi ccitat il-kaz **Chef Choice Ltd vs Raymond Galea et** deciz fis-26 ta' Settembru 2013[22] -

*".....il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra lpretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha;*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova. Fil-każ ta' azzjoni għal ħtija extra-kuntrattwali jew akwiljana, l-parti attriċi trid tipprova kemm il-fatt (l-għamil jew l-omissjoni) li bih tixli lill-parti mħarrka*

[19] Fol 25.

[20] Fol 25.

[21] Verbal tal-4 ta' Marzu 2015.

[22] Cit 2590/1999.

*u kif ukoll li kien sewwasew dak il-fatt li ikkawża l-ħsara mġarrba;"*

L-assjem tal-provi mressqa fil-kaz tal-lum ma jindikawx li fuq bazi ta' probabilta' dawn l-erbgha oggetti ta' gojjellerija verament iddahhlu l-habs mill-appellat nhar id-29 t'Awissu 2008. Il-Qorti tqis li t-tezi tal-appellant illi, kieku veru dawn il-gojjelli ddahhlu l-habs kienu ser jigu registrati skont il-procedura li tapplika ghal oggetti ta' valur, hi iktar kredibbli.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-ewwel zewg aggravji tad-Direttur appellant huma misthoqqa limitatament safejn jikkoncerna erbgha mis-sebgha oggetti li dwarhom l-appellat talab kumpens mit-Tribunal.

Fic-cirkostanzi t-tielet aggravju jsir superfluwu gialadarba l-qorti ser ikollha taghmel likwidazzjoni ta' somma li ghandha tithallas bhala kumpens ghat-tlett oggetti li jissemmew hawn taht.

Ghal dak li jirrigwarda l-kumpens ghat-tlett oggetti li gew nieqsa mill-bagalja tal-appellat, huwa talab dawn ic-cifri[23] –

**Cinturin** – €300

**Nuccali tax-xemx allegatament tal-brand Giorgio Armani**[24] – ebda valur ma gie ndikat mill-appellat

**Flixkun fwieha** – €50

Fil-likwidazzjoni tal-kumpens il-Qorti tosserva li almenu dwar ic-cinturin, ghalkemm fl-affidavit l-appellat qal li dan kien tal-marka Gucci, fil-kontro-ezami ftit taz-zmien wara l-appellat stqarr li ma kienx jiftakar jekk dan ic-cinturin kienx tad-ditta ghax huwa kellu diversi cinturini[25].

Di piu', il-*break-down* tal-ammonti indikati mill-appellat huwa meqjus aktar oghli minn dak li realment seta' kien peress li, kif diga' nghad, is-somma totali mitluba mill-appellat hija diviza bejn sitt oggetti u mhux sebgha. Ovvjament ghal dan in-nuqqas hu responsabbli l-konvenut. Ma nghatat l-ebda raguni mill-appellant ta x'wassal biex naqsu dawn l-oggetti.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li ghandha tillikwida s-somma ta' **tlett mitt ewro (€300)** *arbitrio boni viri*.

---

[23] Affidavit a fol 36.

[24] Xhieda tal-appellat a fol 57.

[25] Fol 57.

**Ghal dawn il-motivi tirriforma s-sentenza appellata billi:**

**1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent pero' biss ghas-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) u tikkundanna lill-appellant sabiex ihallas din is-somma lill-attur.**

**2. L-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs minkejja li l-ammont mitlub mill-attur kien €3,071, u dan ghaliex il-qorti hi tal-fehma li hu serju hafna li jonqsu oggetti, huma x'inhuma, li jkunu thallew fil-kustodja tal-konvenut sakemm ikun qieghed joqghod fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Inoltre, l-konvenut m'offra l-ebda spjegazzjoni ta' kif l-oggetti naqsu.**

Anthony Ellul